MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.

## MARSEANN FARRUGIA

Seduta ta' l-24 ta' Novembru, 2014

Avviz Numru. 85/2014

**Fl-atti tal-ittra ufficjali ai termini ta' l-Artikolu 166A tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Mata bin-numru 3087/08 li giet reza ezekuttiva fit-22 ta' Settembru, 2008 fl-ismijiet:**

**PSS Holdings Limited**

**Vs**

**Francis Caruana u**

**Anna Caruana**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors tas-soċjetà kreditrici PSS Holdings Limited ai termini tal-artikolu 258(c) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta’ Malta fejn esponiet flimkien ma George Portelli fil-kapacita’ tieghu ta’ Direttur tas-socjeta’ rikorrenti:

Illi permezz tas-sucitata ittra ufficjali prezentata ai termini tal-Artikolu 166A tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta’ Malta, is-socjeta’ esponenti ottjeniet titolu esekuttiv kontra d-debituri Francis Caruana u Anna Caruana fl-ammont ta’ disat elef u tliet mija u sbatax-il ewro u disgha u erbghin centezmu (€9,317.49) oltre l-imghaxijiet legali u spejjez gudizzjarji relatati mal-istess, liema debitu dovut jirrapprezenta l-valur ta’ cekk tal-Bank of Valletta bin-numru 478, pagabbli lill-Awtorita’ Dwar it-Trasport ta’ Malta (TM), liema cekk gie msarraf minn Francis Caruana fit-12 ta’ Dicembru, 2007, li approprja l-imsemmija somma flus ghall-gwadann personali tad-debituri, u dan kollu b’qerq u b’ingann ghad-dannu tas-socjeta’ rikorrenti;

Illi peress illi ghaddew aktar minn tliet snin minn meta gie ottjenut l-imsemmi titolu esekuttiv kellha tigi intavolata dina l-procedura ai termini tal-artikolu 258(c) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Illi s-socjeta’ rikorrenti ghad ghandha interess illi tesegwixxi it-titolu ezekuttiv sucitat fuq l-imsemmi kreditu favur taghha kontra l-intimati;

Ghaldaqstant, u in vista tas-suespost, is-socjeta’ rikorrenti titlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti sabiex joghgobha tawtorizza l-esekuzzjoni tat-titolu ezekuttiv ottjenut fit-22 ta’ Settembru, 2008 permezz ta’ l-ittra ufficjali taht l-artikolu 166A tal-Kap 12. bin-numru 3087/08.

Illi l-Qorti rat li fis-seduta tas-17 ta’ Novembru, 2014 l-intimati Francis Caruana u Anna Caruana debitament notifikati u msejha tliet darbiet ma dehrux u lanqas ipprezentaw risposta.

Rat id-dokumenti u l-atti kollha pprezentati;

Semghet ix-xhieda ta’ George Portelli, direttur tas-socjeta rikorrenti, fis-seduta tas-17 ta’ Novembru, 2014 fejn l-istess George Portelli ddikjara li l-ammont pretiz u cioe’ disat elef tliet mija u sbatax-il ewro u disgha u erbghin centezmu (€9,317, 49) flimkien mal-imghaxijiet u spejjez qatt ma gew imhallsa lilu u ghalaqstant ghadhom dovuti.

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti tilqa’ t-talba tas-socjeta’ rikorrenti u tawtorizza l-esekuzzjoni tat-titolu ezekuttiv ottjenut fit-22 ta’ Settembru, 2008 permezz ta’ l-ittra ufficjali numru 3087/08 mahruga taht l-Artikolu 166A tal-Kapitolu 12.

Fic-cirkostanzi, l-ispejjez ta’ dawn il-proceduri jinqasmu bin-nofs bejn il-partijiet.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------